**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 1 ta' Dicembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Elton Taliana**

**Vs**

**Tarik Ahmed Migiref Ftis**

**Abdulwahab Mohamed Yahya**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Tarik Ahmed Migiref Ftis ta' 39 sena mwieled Tripoli, Libya, nhar it-8 ta' Gunju 1976 bin Tarek Mohamed Migiref u Fatima nee' Mahmoud u residenti 2A, Centru Miftuh, Hal-Far, Birzebbugia, detentur tal-karta tal-Ghazil nru 16462/13;

Abdulwahab Mohamed Yahya ta' 29 sena mwieled Libya, nhar l-1 ta' Settembru 1988 bin Mohamed u Marija nee' Il Afss u residenti 15, Centru Miftuh, Hal-Far, Birzebbugia, detentur tar-refugjat nru 14632;

Talli fis-7 ta' Novembru 2015 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs) minn go Triq San Gorg, San Giljan:

1) Ikkommettew serq ta’ handbag ghad-dannu ta’ Blathin Casha u Elvin Spiteri, liema serq huwa ggravat bil-‘hin’ u bil-‘valur’ li jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlitt mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37);

2) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqaw ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat ta’ serq;

Lil Tarik Ahmed Migiref Ftis wahdu:

3) Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-Liberta’ Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Magt Dr. A.M. Trigona LL.D. fid-digriet tieghu datat 24 ta’ Frar 2015 li bih l-imputat m’ghandux jikommetti delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fid-data u l-hin indikati, gewwa Hugo's Terrace f'San Giljan, Elvin Spiteri u Blathin Casha kienu qeghdin hemm ma' mejda wehidhom meta dahlu l-imputati fl-istabbiliment. Ftit tal-hin wara insterqet il-'handbag' ta' Casha, li kellha diversi oggetti taghha u ta' Spiteri. Issejhu l-Pulizija fuq il-post, u l-imputati gew suspettati li kienu huma li serqu l-basket ta' Casha. Gew arrestati, u fuq il-persuna ta' Tarik Ahmed instab il-portafoll ta' Spiteri. Ftit lil hemm minn Hugo's, wara cint, instabu l-karti tal-identita' u credit cards tad-derubati. L-imputati nnegaw l-involviment taghhom, izda ma taw l-ebda spjegazzjoni kif instab il-portafoll ta' Spiteri fuq wiehed minnhom. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-imputati flimkien serqu l-basket in kwistjoni. Minghajr ma l-Qorti tidhol f'wisq dettall tal-fatti, dan il-basket gie nieqes ftit tal-hin biss wara li dahlu l-imputati fl-istabbiliment imsemmi, u wara li marru hdejn Spiteri u Casha, tant li l-imputat Abdulwahab Yahya kien qed jipprova jaqbad mat-tfajla. Wara li telqu l-imputati minghajr ma kielu jew xorbu jew xtraw xi haga, Spiteri u Casha indunaw li xi hadd kien ha l-basket. Inoltre, instab il-portafoll ta' Spiteri fuq il-persuna ta' Tarik Ahmed, meta l-istess portafoll kien fil-basket misruq. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taghmel deduzzjoni xjentifika straordinarja biex tifhem li kienu l-imputati li serqu l-basket in kwistjoni.

In difesa, l-imputati qalu li huma ma hadu xejn, huma kemm dahlu f'dan il-hanut u wara ftit tal-hin hargu u marru ghax wiehed minnhom hassu ma jiflahx, u nnegaw li qatt hadu l-basket ta' Casha. Ma taw ebda spjegazzjoni kif instab il-portafoll ta' Spiteri fuq wiehed minnhom. Il-provi migjuba kontra taghhom huma kollha ikkorroborati u ma jhallu ebda dell ta' dubju f'mohh il-Qorti dwar il-htija taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 267, 270, 279, 334, 49, 50 u 289, u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni , peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, dik ta' serq;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat **Tarik Ahmed Migiref Ftis** hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn (2) prigunerija.

Kif ukoll din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat **Abdulwahab Mohamed Yahya** hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tmintax-il xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**